MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Numru 930/2010

Il-Pulizija
(Spettur Jesmond Borg)

vs

Liam Grech

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’numru 159788(m) talli:

1. nhar l-4 ta’ Settembru 2010 ghal habta tal-10.30 ta’ filghaxija filwaqt li kien fil-bajja ta’ l-Irnella, limiti tal-Kalkara, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta’ Matthew Abela Medici, minn Had-Dingli, f’periklu car, ikkagunalu ferita ta’ natura gravi permezz ta’ tazza kif iccertifikat mit-Tabib Stephen Muscat tat-Taqsima ta’ l-

Emergenza ta’ l-isptar Mater Dei, liema ferita iggib mankament jew sfregju fil-wicc;
2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra l-persuna ta’ Matthew Abela Medici sabiex jingurjah jew jaghmillu hsara;
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen, indecenti u dagha;

Il-Qorti mitluba tapplika l-Artikolu 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghas-sigurta’ tal-persuna fuq indikata; ukoll li tohrog Ordni ta’ Protezzjoni ai termini tal-Artikoli 412C u D tal-Kap 9.

Rat r-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu baghat lill-imputat sabiex jigi ggudikat minn dina l-Qorti ai termini tal-artikoli tal-ligi hemm citati fin-nuqqas ta’ opposizzjoni tal-imputat;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ghandu jinghad li sa mill-ewwel dehra quddiem dina l-Qorti l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

L-imputazzjonijiet, ai termini tal-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju, huma li kkaguna offiza ta’ natura gravi u permanenti konsistenti fi sfregju fil-wicc, fil-ghonq jew f’wahda mill-idejn ta’ l-offiz, u li kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku kif ukoll li ta’ hebb sabiex jingurja, idejjaq jew jaghmel hsara, dawn ta’ l-ahhar ta’ natura kontravenzjonali.

Issa, l-imputat ippersista fuq l-ammissjoni sal-ahhar tant li ghazel li ma jixhidtx b’konsegwenza illi l-fatti kif mistqarra mill-midrub baqghu mhux mitiefsa jew kontradetti. Jirrizulta mix-xhieda ta’ dan ta’ l-ahhar illi l-feriti kienu gew

lilu ikkagunati mill-imputat meta dan tah daqqa ta' tazza f'wiccu waqt 'barbeque' u minn dak li semghet l-Qorti dan sar intenzjonalment u ghal gharrieda.

Dwar il-feriti dawn huma indubbjament gravi per natura, u jirrizultaw tali mix-xhieda taz-zewg tobba li xehdu izda senjatament mir-rapport tat-tabib Dottor Mario Scerri nominat minn dina l-Qorti diversament preseduta. Ukoll jirrizulta minn tali rapport li l-lezzjonijiet hemm deskritti fuq il-midrub riferribilment ghal dawk fir-regun tal-mohh, l-imnieher u l-angolu laterali tal-kappell tal-ghajn tal-lemin ihallu marka permanenti fuq il-wicc.

F'kazijiet bhal dawn piena ta' prigunerija hi doverusa. Fil-kaz de quo pero' l-Qorti mhiex tal-fehma li tadotta l-estremi ta' prigunerija effettiva stante l-eta' tal-imputat, l-fedina penali tista' tghid netta tieghu u l-ammissjoni sa mill-bidu tal-proceduri.

Ghaldaqstant wara li rat l-Artikolu 214, 215, 218(1)(b)(2), 338(dd), 339(1)(d) u 17 tal-Kap 9 tiddeciedi li tikkundanna l-imputat sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tac-citat Kap jibqghu sospizi ghall-erba' snin mill-lum sakemm huwa ma jikkommettix reat iehor fil-perjodu operattiv taghha u tikkundannah oltre ghall-ammenda komplessiva ta' sebghin Ewro. Fl-ahharnett wara li rat l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tikkundannah ihallas lir-Registratur tal-Qorti 260.70 Ewro rapprezentant spejjez tal-espert nominat f'dawn il-proceduri u dan zmien xahar mill-lum.

Il-Qorti taghti lill-imputat disa' xhur zmien biex ihallas dak li ghalih gie kkundannat. Fl-ahharnett l-imputat gie spjegat lilu r-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------